Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,316, 17 ta' Diċembru, 2019

Taqsima B

A.L. 336 tal-2019

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (KAP. 545)

ATT DWAR IR-REGOLAMENT TAL-BINI (KAP. 513)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Effiċjenza fl-Enerġija u l-Koġenerazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma u bl-artikolu 6 tal-Att dwar ir-Regolament tal-Bini, il-Ministru għall-Enerġija u l-Immaniġjar tal-Ilma u l-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, wara konsultazzjoni mal-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, u l-Awtorità tal-Ippjanar, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Effiċjenza fl-Enerġija u l-Koġenerazzjoni u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Effiċjenza fl-Enerġija u l-Koġenerazzjoni hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L. S. 545.16.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu l-punt (5)(a) tal-Artikolu 70 tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE.

Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-Regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(5) L-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni u l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni għandhom jiffaċilitaw il-konnessjoni mas-sistema ta' grilja tal-elettriku prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja minn unitajiet fuq skala żgħira u ta' mikrokoġenerazzjoni. Ir-Regolatur għandu, meta jkun hekk adatt, jieħu l-passi meħtieġa biex jinkoraġġixxi lill-operaturi tan-network jadottaw proċess ta' avviż sempliċi ta' "Installa u informa"

għall-installazzjoni ta' unitajiet ta' mikro koġenerazzjoni biex jiġu simplifikati u mqassra l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għal ċittadin iindividwali u installaturi.";

(b) is-subregolament (6) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(ċ) s-subregolament (7) sas-subregolament (11) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregolament (6) sas-subregolament (10) rispettivament.

Jemenda l-Ħdax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Fil-Ħdax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-kliem "Ir-Regolament 17(6)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Ir-Regolament 17(5)".